MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2013

Appell Civili Numru. 769/2010/1

**Mary Pace u b'digriet tal-14 ta' Jannar 2013 stante l-mewt ta' Mary Pace fil-mori tal-kawża, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem uliedha Pamela Hansen, Dennis Pace, Elizabeth Mangels u George Pace**

**v.**

**Abdulhakim Youssef Azzuz u Josephine Caruana Azzuz**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

Dan huwa appell ad istanza tal-konvenuti mis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Jannar 2012 li permezz tiegħu qegħdin jitolbu lil din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata msemmija u tiċħad it-talbiet tal-attriċi bl-ispejjeż kontra tagħha.
Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

**"Il-Qorti;**

"Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-30 ta' Lulju 2010 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

"Illi l-attriċi hija l-inkwilina tal-fond 15/3, Triq l-Inġinieri, il-Belt.

"Illi l-attriċi ilha tippossjedi għal aktar minn ħamsin sena kamra, taħt it-taraġ tal-Blokka ta' Appartamenti bin-numru 15 Triq l-Inġiniera, l-Belt.

"Illi din il-kamra kienet tinsab fil-*ground floor* tal-istess blokka ta' appartamenti u kellha faċċata tal-injam.

"Illi dan il-pussess kien ukoll bil-kunsens ta' sid il-kera, ċjoe' Scicluna's Estates.

"Illi fl-ewwel Ġimgħa ta' Lulju 2010, il-konvenuti, jew min minnhom, klandestinament u bi vjolenza qabdu u żarmaw l-injam tal-faċċata tal-istess kamra tal-attriċi, żgumbraw din il-kamra mill-effetti mobbli tal-istess attriċi, u spussessaw lill-attriċi mill-pussess ta' din l-istess kamra.

"Illi effettivament bl-aġir tagħhom il-konvenuti żarmaw din il-kamra kompletament.

"Illi minkejja l-interpellazzjonijiet tal-attriċi, ma kienx hemm reintegrazzjoni għall-istat anteċedenit mill-konvenuti;

"Jgħidu għalhekk il-konvenuta, jew min minnhom, għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

"(i) Tiddikjara li l-fatt li l-konvneuti, jew min minnhom, qabdu u żammew il-kamra ta' taħt it-taraġ, li kienet tinsab fil-*ground floor* tal-Blokka Appartamenti bin-Numru 15, Triq l-Inġinieri, il-Belt, jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin;

"(ii) Tikkkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, li fi żmien qasir u perentorju jirreintegraw lill-attriċi fl-istat anteċedenti għall-istess spoll;

"(iii) Fin-nuqqas li dan isir, tawtorizza li l-istess reintegrazzjoni ssir mill-attriċi u dan bl-ispejjeż tal-istess konvenuti, jew min minnhom;

"Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, bl-inġunzjoni minn issa għas-subizzjoni; u dana b'rizerva għal kull azzjoni għad-danni spettanti lill-attriċi.

"Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

"Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti, ppreżentata fit-3 ta' Diċembru 2010, li permezz tagħha eċċepew:

"Illi t-talbiet attriċi huma nfondati billi l-attriċi qatt ma kellha l-pussess vantat u ma hemm l-ebda pussess x'jiġi reintegrat.

"Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

"Rat l-affidavits;

"Semgħet il-provi;

"Rat l-atti proċesswali u l-verbal tas-seduta tas-7 ta' Novembru 2011 li permezz tiegħu l-kawża ġiet differita għas-sentenza wara li l-Avukati rispettivi ttrattaw il-kawża;

"Ikkunsidrat.

"Illi kif jidher ċar mir-rikors promotur din hija kawza ta' spoll. L-attriċi qed issostni illi l-konvenuti spussessawha

minn kamra taħt it-taraġ tal-blokk ta' appartamenti msemmija fir-rikors. Kif hu magħruf huma tlieta l-elementi rikjesti biex azzjoni ta' spoll tirnexxi, u ċjoe':

"1. il-pussess – *possedisse;*

"2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-moħbi jew kontra l-volonta tal-attur – *spoliatum fuisse;* u

"3. li l-azzjoni ssir fi żmien xahrejn minn meta jkun seħħ l-ispoll – *infra bimestre deduxisse*.

"Illi l-konvenuti qed jikkontestaw li l-attriċi kellha l-pussess in kwistjoni. Jgħidu li huma neħħew biss dak li sejħulu mbarazz li kien hemm taħt it-taraġ u ċaħdu li kien hemm xi kamra.

"Illi fil-fehma tal-Qorti għalhekk il-kwistjoni prinċipali f'din il-kawża hija jekk l-attriċi kellhiex il-pussess rikjest mil-liġi. Hija allura kwistjoni ta' kredibilita' għaliex il-kontestazzjoni tal-konvenuti li dik il-parti hija komuni ghall-ko-proprjetarji (hawn ta' min jgħid li l-attriċi hija nkwilina) ma hijiex rilevanti f'kawża bħal din. Fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Mejju 1956 fl-ismijiet **"Vincenzina Cassar et vs Annetto Xuereb Montebello"** l-istess Qorti qalet illi:

*""Il-ġurisprudenza tat-Tribunali tagħna dejjem kienet kostanti fl-interpretazzjoni ta' dawn il-liġijiet fis-sens li l-azzjoni ta' spoll hija 'di ordine pubblico', unikament u esklussivament intiża biex timpedixxi li wieħed jagħmel ġustizzja b'idejh mingħajr l-intervent tat-tribunal ċivili u tipprevjeni l-konsegwenzi deplorevoli ta' aġir simili. Għalhekk il-liġi tivvjeta l-allegazzjoni ta' kwalsiasi eċċezzjoni li ma tkunx dilatorja kontra r-reintegrazzjoni u tiċċirkoskrivi l-eżami tal-Qorti għall-fatt biss tal-pusses u tal-ispoll denunzjat. Ir-reintegrazzjoni għandha dejjem tiġi ordnata mill-Qorti, kwantunkwe l-pussess jista' jkun vizzjat u min jikkometti l-ispoll ikun il-veru proprjetarju tal-ħaġa li minnha l-possessur tagħha jkun ġie spoljat."*

"Illi f'din is-sentenza l-Qorti ċċitat sentenza riportata fil-**Volum XXXIII-ii-83** illi rriteniet *"che la reintegrazione*

*dovra' essere dalla Corte ordinate, comunque viziato possa essere il possesso dell' attore, comunque il citato possa essere il vero propietario della cosa di cui l' attore avesse sofferto lo spoglio; sicche' l' indagine intormo alla legittimita' del possesso, da farsi in altra sede, tornerebbe oziosa in questo giudizio"*.

"Illi fis-sentenza **"Delia vs Schembri"** (Prim' Awla – 4 ta' Frar 1958) ġie ritenut illi:

*""L-azzjoni ta' spoll iservi biex tipproteġi l-pussess, ikun x'ikun ... li jiġi vjolentement jew okkultament meħuda mingħand il-possessur jew detentur u ġie deċiż kemm-il darba li tapplika wkoll għat-tutela tal-kważi pussess tad-drittijiet legali u hija inerenti għall fatt ta' min b'awtorita privata ... jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li għalkemm jista' jkollu dritt għalih ma jistax jeżerċitah mingħajr intervent tal-Qorti."*

"Illi fi kliem **Pacifici Mazzoni** spoll vjolent huwa *'qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato'*. (**Vol III Sez. 52**).

"Illi kif ukoll intqal fil-kawża **"Margherita Fenech vs Pawla Zammit"** deċiża fit-12 ta' April 1958:

*""L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esiġenzi ta' utilita' soċjali milli fuq il-prinċipju assolut ta' ġustizzja hija eminentement intiża l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jiġi impedut liċ-ċittadin privat li jieħu l-liġi f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat."*

"Illi wieħed ukoll isib dikjarat illi;

*""Kif kellha okkażjoni tesprimi ruħha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indaġini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruża u skarna u ma tinsab f'ebda leġislazzjoni oħra u kompliet tgħid illi għalhekk indaġinijiet bbażati fuq x'jgħidu u ma jgħidux ġuristi u awturi Franċiżi u Taljani huma għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament*

*ġuridiku tagħna* – Appell Ċivili – **"Cardona vs Tabone"** – deċiża fid-9 ta' Marzu 1992.

"Illi f'din il-kawża l-konvenuti mhumiex jiċħdu li neħħew l-oġġetti li kien hemm taħt it-taraġ pero' jiċħdu li kien hemm xi kamra; skond huma taħt it-taraġ ma kienx allura magħluq.

"Illi l-Qorti wara li rat l-affidavits tal-attriċi u binha u semgħet lill-konvenuta in kontro-eżami u jidhrilha li l-verżjoni tal-attriċi hija aktar vero simili; mir-ritratti esebiti minnha jidher ċar li kien hemm l-għeluq għaliex għadhom jidhru s-sinjali tal-imsiemer. L-attriċi tgħid li s-sitwazzjoni kienet hekk għal għexieren ta' snin u għalkemm fil-fond illum okkupat mill-konvenuti kien hemm diversi inkwilini qatt ma kellha xi oġġezzjoni minn xi ħadd minnhom biex ma tpoġġix xi mobbli tagħha hemmhekk.

**"Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' it-talbiet kollha tal-attriċi. Għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġi terminu ta' xahar, filwaqt li għall-fini tat-tielet talba tinnomina lil AIC Alan Saliba li għandu f'kull każ jissorvelja x-xogħol.**

**"L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuti."**

**<u>Rikors tal-appell tal-konvenuti Abdulhakim Youssef Azzuz u Josephine Caruana Azzuz:</u>**

Il-konvenuti ħassew ruħhom aggravati bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interponew dan l-appell minnha.

<u>L-aggravji:</u>

(1) <u>Pussess:</u>

L-ilment ewlieni tal-konvenuti appellanti jirrigwarda l-element tal-<u>pussess</u> u jsostnu li l-attriċi effettivament qatt ma kellha l-pussess li tirrikjedi l-liġi sabiex kawża ta' spoll tirnexxi.

Dwar l-allegazzjoni tal-attriċi li żewġha kien ingħata ċ-ċavetta tal-kamra ta' taħt it-taraġ wara talba lill-amministratur (is-sur Delia) ta' Scicluna's Estates, il-konvenuti appellanti jargumentaw li kieku kien minnu li żewġ l-attriċi kien ingħata xi pussess mill-amministratur ta' qabel ta' Scicluna's Estates (li dak iż-żmien kien sid tal-blokk kollu tal-appartamenti) dan kien isir bil-miktub. Jaċċennaw għall-fatt li lanqas l-amministratur preżenti ma sab xi ħjiel ta' xi ftehim li jikkonferma dan.

It-teżi tagħhom għalhekk hija li l-attriċi u żewġha kienu biss <u>tollerati</u> fl-użu li huma kienu jagħmlu mill-ambjent ta' taħt it-taraġ iżda qatt ma kellhom il-pussess tiegħu iktar u iktar illum, meta Scicluna's Estates bħala sidien fadlilhom biss l-appartament tal-attriċi.

Huma imbagħad jirreferu għall-Artikolu 526 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipula li dawk l-atti li huma fakultattivi jew li jitħallew isiru biss bil-bona grazzja ma jistgħux jiswew ta' bażi għall-ksib tal-pussess. Jirreferu wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Dean v. Abela** (30.06.2004), li tirrigwarda ċirkostanzi fejn l-attriċi tilfet il-kawża ta' spoll li fetħet kontra l-konvenut minħabba li biddel is-serratura tad-dar li fiha kienet toqgħod għax irriżulta li l-użu li kienet tagħmel tad-dar kien biss wieħed ta' tolleranza.

(2) <u>Spoll:</u>

Subordinatament, jissottomettu li hemm kunflitt jekk taħt it-taraġ kienx fil-fatt magħluq bħala kamra b'xi pjanċi. L-attriċi appellata fir-rikors tagħha tallega li l-kamra ta' taħt it-taraġ kienet magħluqa b'faċċata bl-injam. Il-Qorti qalet "*jidher ċar li kien hemm l-għeluq għaliex għadhom jidhru s-sinjali tal-imsiemer*", iżda l-konvenuti appellanti jargumentaw illi jekk żewġ l-attriċi kien għamel xi għeluq fl-ewwel nofs tas-snin ħamsin, dan ma jfissirx li meta huma (l-appellanti) xtraw l-appartament tagħhom l-għeluq kien għadu hemm. Jagħmlu riferenza għall-affidavit tagħhom fejn stqarrew li la kien hemm xi kamra tissakkar b'ċavetta, la injam u lanqas pjanċi bil-ħadid, iżda imbarazz bħal madum u ġebel, fliexken vojta u xi laned.

**Risposta tal-attriċi appellata Mary Pace:**

L-attriċi appellanti wieġbet biex turi li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma.

Dwar l-ewwel aggravju:

L-attriċi appellata ma taqbilx mal-argument tal-appellanti li meta xi ħadd ikollu pussess fuq immobbli b'mera tolleranza allura dak il-pussess mhux suffiċjenti biex tiġi radikata azzjoni ta' spoll.

(a) Hija targumenta li l-azzjoni ta' spoll tissussisti sia meta wieħed għandu pussess ta' liema xorta jkun u sia meta għandu detenzjoni.

(b) Iżżid tgħid li fir-rigward ta' x'tip ta' pussess huwa neċessarju f'każ ta' spoll wieħed isib li l-pożizzjoni Maltija hija usa minn dik Taljana[1] għaliex il-liġi Maltija taċċetta wkoll id-detenzjoni u għalhekk l-interpretazzjoni ta' x'jikkostitwixxi pussess validu sabiex ikun hemm spoll irid ikun liberali għall-aħħar.

(ċ) Inoltre tgħid li qari tas-sentenza ċitata (**Dean v. Abela**) bl-ebda mod m'għandu jwassal biex din il-Qorti taċċetta t-teżi tal-konvenuti appellanti.

(i) Hija tispjega li din is-sentenza kienet iċċitat minn sentenza oħra fl-ismijiet **Annetto Xuereb Montebello v. Pawlina Magri** (1953) liema sentenza kienet straħet fuq ġurispudenza Taljana li tgħid li meta xi ħadd jippossjedi b'tolleranza ma jistax jagħmel kawża ta' spoll kontra s-sid. L-attriċi tissottolinea l-fatt li fil-kawża odjerna hija fetħet il-kawża kontra terza persuna u mhux is-sid.

---

[1] L-attriċi tikkummenta li l-pożizzjoni Taljana diġa` hija wiesgħa ferm, u fil-fatt tikkwota mill-awtur Galgano li jgħid li l-azzjoni ta' spoll tista' ssir saħansitra mill-ħalliel u anke jekk ikun ippossessa ruħhu ġurnata qabel ma ġie spoljat.

(ii) L-appellata żżid tgħid li l-ġurisprudenza Taljana li hija bbażata fuqha s-sentenza ċitata m'għadhiex applikabbli għad-dispost tal-liġi tagħna llum kif lanqas m'għadha applikabbli għall-pożizzjoni Taljana viġenti, kif jirriżulta mill-bran ta' Galgano.

(iii) Issemmi wkoll li l-Qorti waslet għall-konklużjoni tagħha f'**Dean v. Abela** peress li l-attriċi kienet ippremettiet li kienet l-inkwilina meta fil-fatt irriżulta li ma kienx il-każ, mentri hija (l-appellata) imkien ma qalet li hija l-inkwilina tal-kamra inkwistjoni.

L-appellata ssostni li l-insenjament li l-att ta' tolleranza ma jagħtix lok għal spoll jista' jissussisti biss jekk il-konvenut huwa l-persuna li ttollerat dak il-pussess, u żżid tgħid li dan ma kienx il-każ f'din il-kawża odjerna. Fi kwalunkwe każ hija tagħmilha ċara li mhix qed taċċetta l-verżjoni tal-appellanti li hija kellha l-pussess b'mera tolleranza u f'dan ir-rigward tirreferi għax-xhieda tagħha, ta' żewġha u ta' Vince Curmi.

<u>Dwar it-tieni aggravju:</u>

Fir-rigward tal-eżistenza o meno tal-"kamra" ta' taħt it-taraġ hija tikkummenta li hija mhux xi miġnuna li ser toqgħod tagħmel kawżi fuq kmamar fantażmi, u ssostni li ladarba l-ewwel Qorti dehrilha li kellha temmen il-verżjoni tagħha din il-Qorti tal-appell m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-fatt li kienet għamlet.

**<u>Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>:**

L-attriċi appellata fir-rikors ġuramentat tagħha ppremettiet li kien ilha għal aktar minn ħamsin sena tippossjedi kamra bil-faċċata tal-injam taħt it-taraġ tal-blokka appartamenti li fiha hija tabita. Spjegat li dan il-pussess kien bil-kunsens ta' sid il-kera, Scicluna Estates. Hija allegat li l-konvenuti appellanti żarmaw l-injam tal-faċċata ta' din il-kamra, neħħew l-effetti mobbli li kien hemm fiha u spussessawha mill-pussess ta' din il-kamra u kien għalhekk li stitwiet din l-azzjoni ta' spoll.

Fir-risposta ġuramentata tagħhom, il-konvenuti apellanti eċċipew li l-attriċi qatt ma kellha l-pussess vantat u li ma kien hemm l-ebda pussess x'jiġi reintegrat.

L-ewwel Qorti rriteniet li l-kontestazzjoni tal-konvenuti li l-ambjent inkwisjtoni huwa komuni għall-komproprjetarji tal-blokka mhix rilevanti għaliex il-kwistjoni prinċipali hija jekk l-attriċi kellhiex il-pussess. Hija wara li eżaminat il-provi prodotti miż-żewġ partijiet dehrilha li l-verżjoni tal-attriċi hija aktar verosimili u konsegwentement laqgħet it-talbiet attriċi.

Fir-risposta tal-appell tagħhom il-konvenuti appellati jibdew biex jilmentaw li l-eċċezzjonijiet tagħhom ma kienux kif poġġiethom l-ewwel Qorti u jaċċennaw għall-fatt li l-eċċezzjonijiet tagħhom kienu jirrigwardaw l-element tal-pussess: li l-attriċi qatt ma kellha l-pussess li tirrikjedi l-liġi, u mhux li kellha l-pussess vizzjat. L-ewwel Qorti pero` qatt ma qalet li l-konvenuti kienu eċċepew li l-attriċi kellha l-pussess vizzjat. Veru li għamlet riferenza għall-kontestazzjoni tal-konvenuti li l-attriċi kienet qegħda tagħmel użu mill-partijiet komuni (liema l-kontestazzjoni toħroġ mix-xhieda tal-konvenuta)[2] iżda l-ewwel Qorti qatt ma qalet li din il-kontestazzjoni kienet toħroġ mill-eċċezzjonijiet. L-ewwel qorti fil-fatt irrikonoxxiet li l-kwistjoni prinċipali hija jekk l-attriċi kellhiex il-pussess rikjest mil-liġi jew le (ħaġa li eċċipew il-konvenuti appellanti stess) u kkonkludiet li fil-fatt kellha dan il-pussess.

*Pussess jew tolleranza:*

L-aggravju prinċipali tal-konvenuti appellanti fil-fatt jirrigwarda dan l-element tal-pussess. Huma jirrikonoxxu l-fatt li l-attriċi (u żewġha) kienu jagħmlu użu mill-ambjent ta' taħt it-taraġ iżda jsostnu li dan l-użu ma kienx jammonta għal dak il-pussess rikjest mil-liġi sabiex azzjoni

[2] *"…ma rridx dan il-ħmieġ jien, dan kien taħt it-taraġ, u taħt it-taraġ huma komun, ta' kulħadd….skantajna kif dawn fetħulna kawża fuq post li huwa komun għax taħt it-taraġ huwa komun."* (Xhieda tal-konvenuta, 17.06.2011, fol 44-47)

ta' spoll tirnexxi għaliex kien biss użu bażat fuq it-tolleranza. Dwar il-verżjoni tal-attriċi li fil-bidu tas-snin ħamsin l-amministratur ta' sid il-kera Scicluna Estates[3] kien ta ċ-ċavetta tal-kamra ta' taħt it-taraġ lil żewġha, huma jsostnu li dan ma jirriżulta minn imkien u jargumentaw invece li l-provi li tistrieħ fuqhom l-attriċi juru li l-użu li hi u żewġha kienu jagħmlu tal-ambjent inkwistjoni kien bażat fuq it-tolleranza.

In vista tal-fatt li min juża u jeżerċita poter ta' fatt fuq ħaġa huwa preżunt pussessur, jispetta lil min jikkontesta dan il-pussess li jipprova li l-pussess hekk vantat jidderivi minn att ta' tolleranza. Dan għaliex kif drabi oħra ġie osservat mill-Qrati tagħna, "*it-tolleranza ma għandhiex tiġi preżunta u għandha għalhekk tiġi pruvata almenu prima facie*" (Kollez Vol XXXVI p.I, p.292) u "*l-piż ta' din il-prova jinkombi fuq min jinvoka t-tolleranza*" (Kollez Vol XLIV p.II, p.608)."[4] Din il-Qorti pero` tosserva li huwa proprju fir-rikors tal-appell tagħhom li l-konvenuti jinvokaw it-tolleranza għall-ewwel darba. Għalkemm huma minn dejjem ikkontestaw il-pussess vantat mill-attriċi, it-tolleranza qatt ma tqajmet minnhom, la permezz ta' eċċezzjoni fir-risposta ġuramentata tagħhom u lanqas b'xi mod ieħor fil-mori tal-kawża. Konsegwentement l-ewwel Qorti m'għamlet l-ebda kunsiderazzjonijiet legali biex tistabbilixxi jekk l-użu li kienu jagħmlu l-attriċi u żewġha kienx jidderivi minn att ta' tolleranza. Ma tistax għalhekk issa din il-Qorti tal-Appell teżamina kwistjoni li qatt ma kienet tressqet għall-kunsiderazzjoni tal-ewwel Qorti (u li konsegwentement l-ewwel Qorti qatt ma kkunsidrat) għaliex f'dak il-każ ma tibqax aktar Qorti ta' reviżjoni.

Dan l-ewwel aggravju għalhekk jirriżulta infondat.

*L-ispoll:*

Fit-tieni aggravju tagħhom il-konvenuti jagħmlu riferenza għall-osservazzjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward tal-

---

[3] Li fiż-żmien li hija ħadet il-post b' kera kienu s-sid tal-blokk kollu tal-appartamenti

[4] **Maria Caruana v. Benedict Spiteri et**, Appell Inferjuri, Imħ. Philip Sciberras, deċiża 24 ta' Marzu 2004

allegazzjoni tal-attriċi li l-ambjent ta' taħt it-taraġ li kienu jagħmlu użu minnu kellu faċċata tal-injam li ġiet żarmata mill-konvenuti u jissottomettu li hemm kunflitt dwar l-eżistenza o meno ta' kamra magħluqa bil-pjanċi tal-injam.

L-ewwel Qorti kienet qalet hekk: "*mir-ritratti esebiti minnha* (l-attriċi) *jidher ċar li kien hemm l-għeluq għaliex għadhom jidhru s-sinjali tal-imsiemer*". Dan il-fatt kien wieħed mir-raġunijiet li abbażi tagħhom l-ewwel Qorti laqgħet it-talbiet kollha tal-attriċi u ordnat lill-konvenuti jirreintegrawha fl-istat anteċedenti għall-ispoll (liema reintegrazzjoni ovvjament tikkonsisti f'armar tal-pjanċi tal-injam b'mod li l-ambjent ta' taħt it-taraġ jieħu forma ta' kamra tissakkar).

Fl-ewwel lok jiġi osservat li anke dwar il-mertu ta' dan it-tieni aggravju, u cioe` l-eżistenza o meno tal-pjanċi tal-injam li jagħlqu l-ambjent ta' taħt it-taraġ, il-konvenuti wkoll naqsu li jagħmlu eċċezzjoni. Qatt ma eċċipew li huma ma kkommettewx dan l-att spoljattiv allegat mill-attriċi u cioe` li żarmaw l-allegata kamra ta' taħt it-taraġ billi qalgħu il-pjanċi tal-injam li kienu jagħlquha (kif diġa` ġie espost iktar 'il fuq, l-unika eċċezzjoni tagħhom kienet tirrigwarda biss il-pussess, jew aħjar, in-nuqqas ta' pussess tal-attriċi.)

Din il-kontestazzjoni pero` toħroġ mix-xhieda tagħhom stess. Fl-affidavits tagħhom jiċħdu li kien hemm kamra taħt it-taraġ li kienet tissakkar u jsostnu li ma kienx hemm injam. Il-konvenuta fix-xhieda tagħha *viva voce* tkompli ssostni li meta daħlu joqogħdu fl-appartament tagħhom qatt ma kien hemm kmamar taħt it-taraġ, wisq anqas kmamar jissakkru u kull ma għamlu kien li ppruvaw jeħilsu mill-imbarazz li kien hemm taħt it-taraġ konsistenti f'ġebel imkisser, madum miksur eċċetera, (kif jidher fir-ritratt a fol. 43) ħaġa li ma rnexxilhomx jagħmlu għaliex tal-*bulky refuse* ma riedux joħduh u għadu hemm sal-lum.[5] Kontro-

[5] Sussegwentement fil-mori tal-kawża tal-appell il-konvenuti appellanti ppreżentaw affidavits biex jispjegaw li l-imbarazz tal-intrata li jidher fir-ritratt, m'għadux hemm, u la neħħewh huma u lanqas qabbdu lil ħaddieħor biex ineħħih.

eżaminata imbagħad reġgħet xehdet li ma tiftakarx pjanċi tal-injam, iżda tiftakru miftuħ.

Għalkemm kif diġa` ingħad l-allegati atti spoljattivi ma ġewx ikkontestati mill-konvenuti permezz ta' eċċezzjoni, l-ewwel Qorti fl-istudju li għamlet biex tara jekk dan it-tieni element ta' azzjoni ta' spoll kienx jissussisti, waslet għall-konklużjoni li mhux biss kien hemm l-għeluq iżda li kienu l-konvenuti li qalgħu dan l-għeluq u konsegwentement ordnatilhom jerġgħu jarmaw il-kamra.

Huwa risaput li l-Qorti tal-Appell bħala regola m'għandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni eżercitata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament li hija tkun għamlet tal-provi miġbura minnha stess. Din il-Qorti normalment tkun inklinata li tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk hija tkun sodisfatta li huwa b'dan il-mod biss li tkun tista' tikkorreġi inġustizzja manifesta. F'dan il-każ odjern hija fliet bir-reqqa l-provi miġbura u sabet li jeżistu raġunijiet serji biżżejjed biex din il-Qorti tiddipartixxi mill-konklużjonijet li waslet għalihom l-ewwel Qorti.

Veru li kif osservat l-ewwel Qorti mir-ritratti esebiti jidhru s-sinjali tal-imsiemer mat-taraġ, li huma indikazzjoni li l-ambjent ta' taħt it-taraġ kien xi darba magħluq. Inoltre din il-Qorti tosserva wkoll li mir-ritratt G6[6] jidher ukoll li fil-*ground floor* tal-blokka il-ħajt huwa żewġ kuluri fis-sens li taħt it-taraġ huwa mod u mit-taraġ 'il barra huwa mod ieħor. Dawn il-fatti waħedhom pero` ma jippruvawx li meta l-konvenuti marru joqogħdu fl-appartament tagħhom l-għeluq (li kien jeżisti fis-snin ħamsin) kien għadu hemm u wisq anqas ma jipprovaw li qalgħuh l-istess konvenuti jew min minnhom, kif ikkonkludiet l-ewwel Qorti.
Għalkemm bin l-attriċi xehed li kien avviċina lill-konvenut dwar l-allegati pjanċi tal-injam u li dan tal-aħħar kien qallu li jekk jerġa' jibni l-kamra huwa kien jerġa' jżarmaha,[7] din il-verżjoni ma tirriżultax korraborata. Hija sempliċiment kelma ta' naħa kontra oħra. Il-konvenuti appellanti da parti tagħhom mhux talli ma jammettux li qalgħu l-allegati

---

[6] Fol. 55
[7] Affidavit ta' bin l-attriċi, George Pace, maħluf 14.02.2011, fol. 31

pjanċi tal-injam talli jiċħdu li kien hemm xi pjanċi. Meta l-konvenuta waqt il-kontro-eżami tagħha intweriet ir-ritratt Dok G9[8] li juri "*graphic insertion*" u cioe` rikostruzzjoni diġitali ta' kif kienu allegati pjanċi taħt it-taraġ hija sostniet li dawn qatt ma kienu.

It-tieni aggravju għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti huwa fondat.

Isegwi għalhekk li ma jissussistux it-tliet elementi neċessarji biex kawża ta' spoll bħal din odjerna tista' tirnexxi b'suċċess.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-appell tal-konvenuti appellanti, tirrevoka s-sentenza appellata u tiċħad it-talbiet tal-attriċi.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-attriċi appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[8] Fol. 58